



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 31 ta' Ottubru 2018
(OR. en)

13800/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0379 (NLE)

ENV 711

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	31 ta' Ottubru 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2018) 731 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fit-tmienja u tletin laqgħa tal-Kumitat Permanenti tal-Konvenzjoni dwar il-konservazzjoni tal-ħajja ferjali Ewropea u tal-abitati naturali, fir-rigward tal-emendi għall-Appendiċijiet II u III

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 731 final.

Mehmuż: COM(2018) 731 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 31.10.2018
COM(2018) 731 final

2018/0379 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fit-tmienja u tletin
laqgħa tal-Kumitat Permanenti tal-Konvenzjoni dwar il-konservazzjoni tal-ħajja ferjali
Ewropea u tal-abitati naturali, fir-rigward tal-emendi għall-Appendiċijiet II u III**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata fisem l-Unjoni, waqt it-tmienja u tletin laqgħa annwali tal-Kumitat Permanenti għall-Konvenzjoni dwar il-konservazzjoni tal-ħajja ferjali Ewropea u tal-abitati naturali, fi Strasburgu, Franza, bejn il-27 u t-30 ta' Novembru 2018, b'rabta mal-adozzjoni prevista mill-Kumitat Permanenti ta' deċiżjoni li tikkonċerna żewġ emendi tal-Appendiċi II u tal-Appendiċi III tal-Konvenzjoni.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispċijiet Migratorji tal-Annimali Selvaġġi

Il-Konvenzjoni tal-1979 dwar il-konservazzjoni tal-ħajja ferjali Ewropea u tal-abitati naturali (il-Konvenzjoni ta' Berna) ("il-Ftehim") għandha bħala għan il-konservazzjoni tal-fawna u tal-flora selvaġġa Ewropej u tal-ħabitats naturali tagħhom, speċjalment dawk li l-konservazzjoni tagħhom teħtieġ il-koooperazzjoni ta' diversi Stati Membri. Hija trattat intergovernattiv, konkluż taħt l-awspiċi tal-Kunsill tal-Ewropa. Il-Ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 1982. Il-Komunità Ewropea ilha Parti Kontraenti għall-Ftehim mill-1 ta' Settembru 1982¹. Bħalissa hemm 51 Parti Kontraenti għall-Ftehim, inklużi l-Istati Membri kollha tal-UE.

2.2. Il-Kumitat Permanenti

Il-Kumitat Permanenti huwa l-korp li jieħu d-deċiżjonijiet tal-Konvenzjoni bis-setgħat li jevalwa l-istat ta' konservazzjoni tal-ispeċijiet u, sussegwentement, li jirrieżamina l-ejenkar tagħhom fl-Appendiċijiet tal-Konvenzjoni. Il-funzjonijiet tiegħu huma enumerati fl-Artikoli 13-15 ta' dan il-Ftehim. Dan jiltaqa' mill-anqas darba kull sentejn u kull meta maġġoranza tal-Partijiet Kontraenti hekk titlob. Saret drawwa għall-Kumitat Permanenti li jiltaqa' kull sena.

Il-pożizzjoni tal-Unjoni fir-rigward tal-emendi tal-appendiċijiet hija stabbilita permezz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni.

2.3. L-att previst tal-Kumitat Permanenti

Bejn is-27 u t-30 ta' Novembru 2018, waqt it-tmienja u tletin laqgħa annwali tal-Kumitat Permanenti tal-Ftehim fi Strasburgu, Franza, għandha tiġi adottata deċiżjoni dwar żewġ emendi tal-Appendiċi II u tal-Appendiċi III tal-Ftehim ("l-att previst").

F'konformità mal-Artikolu 17 tal-Ftehim, emenda għall-Appendiċijiet għandha tiġi adottata b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-Partijiet Kontraenti. L-emenda tidħol fis-seħħ għall-Partijiet kollha tliet xhur wara l-adozzjoni mill-Kumitat Permanenti dment li terz mill-Partijiet Kontraenti ma jkunux innotifikaw xi oġġezzjonijiet. Kwalunkwe emenda tidħol fis-seħħ għal dawk il-Partijiet Kontraenti li ma jkunux innotifikaw oġġezzjonijiet.

L-għan tal-att previst huwa li jiġu emendati l-Appendiċi II u l-Appendiċi III tal-Ftehim, kif previst fl-Artikolu 17 tal-Ftehim.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 82/72/KEE tat-3 ta' Diċembru 1981 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni dwar il-konservazzjoni ta' annimali slavaġ u ambjenti naturali Ewropej, ĠU L 38, 10.2.1982, p. 1.

3. IL-POŻIZZJONI LI TRID TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

Ġew proposti ż-żewġ emendi li ġejjin tal-appendiċijiet tal-Ftehim.

1) L-Iżvizzera pproponiet li tbaxxi l-livell ta' protezzjoni għal-Lupu (*Canis lupus*) billi dan jiċċaqlaq mill-Appendiċi II (speċje ta' fawna strettament protetti) għall-Appendiċi III (speċje ta' fawna protetti – regolamentazzjoni possibbli).

L-Iżvizzera tiġġustifika l-proposta tagħha bil-fatt li n-numru ta' Lupi fl-Ewropa żdied b'mod sostanzjali mid-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni u għalhekk ma għadux meħtieġ livell strett ta' protezzjoni. Din l-emenda tippermetti l-ġestjoni u l-kontroll tal-Lupi (anki permezz tal-kaċċa) mingħajr il-bżonn li jinħarġu eċċezzjonijiet skont l-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni. Għalhekk, il-livell tal-protezzjoni jkun aktar baxx għall-popolazzjonijiet kollha tal-Lupi fit-territorju kollu kopert mill-partijiet għall-Konvenzjoni, irrispettivament mill-istat ta' konservazzjoni tagħhom u t-tendenzi fil-popolazzjonijiet tagħhom. Il-proposta tal-Iżvizzera tista' twassal b'mod effettiv għal dan id-denominatur komuni l-aktar baxx għall-konservazzjoni tal-popolazzjonijiet tal-lupi fl-Ewropa kollha u mhijiex konformi mal-istat ta' protezzjoni legali attwali tal-Lupu skont id-Direttiva dwar il-Habitats.

Skont studju reċenti², mid-disa' popolazzjonijiet tal-lupu fil-maġġoranza transfruntiera fl-Unjoni u fil-pajjiżi ġirien tagħha, tlieta biss huma tal-"inqas tħassib" filwaqt li sitta huma "vulnerabbli" jew "kważi mhedda". Il-popolazzjoni tal-Alpi tal-Punent Ċentrali li jkopru l-Iżvizzera hija "vulnerabbli" fil-Valutazzjoni tal-Lista Ħamra tal-IUCN.

Filwaqt li tirrikonoxxi l-isfidi tal-koeżistenza bejn il-lupi u n-nies li jirriżultaw miż-żieda fin-numru u l-firxa tagħhom, il-proposta attwali tal-Iżvizzera biex jitbaxxa l-istat ta' protezzjoni tal-Lupu fl-Ewropa kollha mhijiex ġustifikata minn perspettiva xjentifika u ta' konservazzjoni.

Kwalunkwe proposta biex jinbidel l-istat ta' protezzjoni legali tal-Lupu fl-Ewropa jenħtieġ li tkun ibbażata fuq valutazzjoni sħiħa tal-implikazzjoni tagħha għall-istat ta' konservazzjoni tal-Lupu fl-Ewropa kollha. L-informazzjoni disponibbli turi li fil-maġġoranza tal-Istati Membri tal-UE, b'mod partikolari f'dawk fejn hija strettament protetta, l-ispeċi għadha fi stat ta' konservazzjoni mhux favorevoli.

Barra minn hekk, fl-2019 l-Istati Membri tal-UE se jipprovdu rapporti aġġornati dwar l-istat ta' konservazzjoni tal-Lupu, kif meħtieġ mill-Artikolu 17 tad-Direttiva dwar il-Habitats. Għalhekk, jenħtieġ li l-Unjoni tiddifferixxi l-istabbiliment ta' pożizzjoni dwar din il-proposta ta' emenda sakemm it-tali informazzjoni ssir disponibbli.

2) In-Norveġja ressqet proposta biex iċċaqlaq il-Wiżża Artika (*Branta leucopsis*) mill-Appendiċi II (speċje ta' fawna strettament protetti) għall-Appendiċi III (speċje ta' fawna protetti – regolamentazzjoni possibbli). Il-ġustifikazzjoni li tappoġġa l-proposta hija li d-daqs tal-popolazzjoni totali tal-Wiżża Artika mmultiplika b'aktar minn għaxar darbiet mill-1980 sal-2010 (minn 110 000 sa 1 319,000) fost oħrajn minħabba l-intensifikazzjoni tal-agrikoltura li ppermettiet li jkun hemm kwantitajiet kbar ta' għalf disponibbli. Għalhekk, ma għadx hemm il-ħtieġa ta' protezzjoni stretta għal din l-ispeċi fil-firxa kollha tagħha.

Din il-proposta hija konformi mal-istat ta' protezzjoni legali attwali tal-Wiżża Artika skont id-Direttiva dwar l-Għasafar minħabba li mhijiex elenkata fl-Anness II tagħha (speċijiet soġġetti

² http://www.europarl.europa.eu/cmsdata/152040/AGRI%20NEWS%20Issue10_2018_29%20August.pdf

għall-kaċċa). L-ispeċi hija elenkata fl-Anness I tad-Direttiva dwar l-Għasafar (jiġifieri li jeħtieġu d-deżinjazzjoni ta' Żona ta' Protezzjoni Speċjali).

Qed jitfassal abbozz ta' Pjan ta' Ġestjoni ta' Speċi Unika għall-Wieċċa Artika taħt l-awspiċċi tal-Ftehim dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar tal-Ilma Migratorji Afro-Ewroasjatiċi (AEWA) biex jindirizza ż-żieda rapida ħafna fil-popolazzjoni, b'mod partikolari l-problemi li jirriżultaw ikkawżati mill-ispeċi (dannu agrikolu u riskji għas-sikurezza tal-ajru). Il-Pjan jipprovdi qafas biex jgħin fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet fl-istati tal-firxa dwar l-applikazzjoni ta' derogi, inkluża valutazzjoni regolari tal-impatt kumulattiv tad-derogi, il-monitoraġġ tal-istat tal-popolazzjoni kif ukoll l-evoluzzjoni tan-dannu agrikolu jew tar-riskji għas-sikurezza tal-ajru. Jiffaċilita l-kondiviżjoni ta' informazzjoni u potenzjalment il-koordinazzjoni tal-miżuri ta' deroga fost l-istati tal-firxa biex tiżdied l-effiċjenza tagħhom u biex jiġi evitat kwalunkwe effett mhux intenzjonat fil-livell tar-rotta tal-ispeċijiet migratorji. Il-pjan irid jiġi adottat fis-Seba' Laqgħa tal-Partijiet tal-Ftehim f'Diċembru 2018.

Jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġa l-proposta ta' emenda tan-Norveġja biex tiġi indirizzata ż-żieda rapida ħafna tal-popolazzjoni ta' din l-ispeċi, b'mod partikolari l-problemi li jirriżultaw ikkawżati mill-ispeċi (dannu agrikolu u riskji għas-sikurezza tal-ajru), sabiex il-partijiet li mhumieq fl-UE għall-Konvenzjoni jkunu jistgħu japplikaw miżuri għall-ġestjoni tal-popolazzjoni, inkluża l-kaċċa ta' din l-ispeċi kif meħtieġ. Madankollu, peress li emenda tal-Annessi tad-Direttiva dwar l-Għasafar bħalissa mhijiex prevista jew mhijiex possibbli fiż-żmien qasir meħtieġ mill-Konvenzjoni (90 jum), l-Unjoni se jkollha tindika li, għalissa, se tapplika miżuri ta' protezzjoni aktar stretti, kif previst fl-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni.

Għalhekk huwa meħtieġ li l-Kunsill jieħu deċiżjoni bl-għan li jiġu stabbiliti l-pożizzjonijiet li jridu jiġu adottati fisem l-Unjoni fil-kuntest tat-tmienja u tletin laqgħa tal-Kumitat Permanenti rigward il-proposti għall-emendi msemmijin hawn fuq.

Is-suġġett tad-deċiżjoni prevista tal-Kumitat Permanenti tikkonċerna qasam ta' kompetenza esterna esklużiva tal-UE skont l-Artikolu 3(2) tat-TFUE minħabba li jaqa' f'qasam diġà kopert fil-maġġor parti minn regoli komuni interni (jiġifieri d-Direttivi dwar il-Habitats u dwar l-Għasafar)."

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Princijpi

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi d-deċiżjonijiet li jistabbilixxu *"il-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati fisem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim."*

Il-kunċett ta' *"atti li jkollhom effetti legali"* jinkludi l-atti li jkollhom effetti ġuridiċi skont ir-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregola l-korp inkwistjoni. Dan jinkludi l-istrumenti li ma

għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li "*jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni*"³.

4.1.2. *Applikazzjoni għall-każ preżenti*

Il-Kumitat Permanenti huwa korp imwaqqaf permezz tal-Ftehim.

L-att li l-Kumitat Permanenti huwa mitlub jadotta, jikkostitwixxi att li jkollu effetti legali. L-att previst ikun vinkolanti skont id-dritt internazzjonali f'konformità mal-Artikolu 6 tal-Ftehim. L-att previst ma jissupplimentax u ma jemendax il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika proċedurali għad-Deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. **Bażi ġuridika sostantiva**

4.2.1. *Prinċipji*

Il-bażi ġuridika sostantiva għal Deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi qabelxejn mill-oġettiv u mill-kontenut tal-att previst li dwaru tittieħed pożizzjoni fisem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawn l-għanijiet jew wieħed minn dawn il-komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-Deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tissejjes fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik li jeżiġi l-għan jew il-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. *Applikazzjoni għall-każ preżenti*

L-oġettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst jirrigwardaw l-ambjent.

Għalhekk, il-bażi ġuridika sostantiva tad-Deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 192(1).

4.3. **Konklużjoni**

Jenħtieġ li l-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta tkun l-Artikolu 192(1) flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

5. **IL-PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST**

Billi l-att tal-Kumitat Permanenti se jemenda l-Appendiċijiet II u III tal-Ftehim, jixraq li wara l-adozzjoni tiegħu jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

³ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fit-tmienja u tletin laqgħa tal-Kumitat Permanenti tal-Konvenzjoni dwar il-konservazzjoni tal-ħajja ferjali Ewropea u tal-abitati naturali, fir-rigward tal-emendi għall-Appendiċijiet II u III

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Konvenzjoni dwar il-konservazzjoni tal-ħajja ferjali Ewropea u tal-abitati naturali (Il-Konvenzjoni ta' Berna) ("il-Ftehim") kienet konkluzja mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 82/72/KEE⁴ u daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 1982.
- (2) Skont l-Artikolu 17 tal-Ftehim, il-Kumitat Permanenti jista' jadotta deċiżjoni biex jiġu emendati l-appendiċijiet tal-Ftehim.
- (3) Waqt it-tmienja u tletin laqgħa tiegħu bejn is-27 u t-30 ta' Novembru 2018, il-Kumitat Permanenti għandu jadotta Deċiżjoni dwar l-emendar tal-Appendiċi II u tal-Appendiċi III tal-Ftehim.
- (4) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Permanenti, peress li d-deċiżjoni se tkun vinkolanti għall-Unjoni.
- (5) In-Norveġja ressqet proposta biex iċċaqlaq il-Wiżża Artika (*Branta leucopsis*) mill-Appendiċi II "Speċje ta' fauna strettament protetti" għall-Appendiċi III "Speċje ta' fauna protetti" tal-Ftehim.
- (6) L-aktar informazzjoni xjentifika reċenti disponibbli dwar id-daqs, id-distribuzzjoni u t-theddid tal-popolazzjonijiet tal-wiżża artika turi li l-popolazzjoni totali tagħha żdiedet b'aktar minn 10 darbiet mis-snin tmenin sal-2010 u issa huma fi stat ta' konservazzjoni sikura.
- (7) Jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġa din il-proposta sabiex tindirizza ż-żieda rapida ħafna fil-popolazzjoni ta' din l-ispeċi fil-firxa kollha tagħha. Madankollu, il-proposta mhijiex konformi mal-istat ta' protezzjoni attwali tal-Wiżża Artika skont id-Direttiva 2009/147 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni

⁴ ĠU L 38, 10.2.1982, p. 1.

tal-għasafar selvaġġi. Peress li emenda tal-Annessi ta' din id-Direttiva bħalissa mhijiex prevista jew mhijiex possibbli fiż-żmien qasir meħtieġ mill-Konvenzjoni (90 jum), għalissa l-Unjoni se tapplika miżuri ta' protezzjoni aktar stretti, kif previst fl-Artikolu 12 tal-Ftehim.

- (8) L-Iżvizzera ressqet proposta biex iċċaqlaq il-Lupu (*Canis lupus*) mill-Appendiċi II "Speċje ta' fawna strettament protetti" għall-Appendiċi III "Speċje ta' fawna protetti" tal-Ftehim.
- (9) It-tnaqqis tal-istat ta' protezzjoni tal-popolazzjonijiet tal-lupu għall-aktar denominatur komuni baxx mhuwiex ġustifikat minn perspettiva xjentifika u ta' konservazzjoni. L-aktar informazzjoni xjentifika reċenti disponibbli dwar id-daqs, id-distribuzzjoni u t-theddid għall-popolazzjonijiet tal-lupu Ewropew turi li, mid-disa' popolazzjonijiet tal-lupu fil-maġġoranza transfruntiera fl-Unjoni u fil-pajjiżi ġirien tagħha, tlieta biss huma tal-"inqas tħassib" filwaqt li sitta huma "vulnerabbli" jew "kważi mhedda". Il-popolazzjoni tal-Alpi tal-Punent Ċentrali li jkopru l-Iżvizzera hija "vulnerabbli" fil-Valutazzjoni tal-Lista Ħamra tal-IUCN.
- (10) Informazzjoni aġġornata dwar l-istat ta' konservazzjoni tal-Lupu fl-Unjoni se ssir disponibbli fl-2019 mir-rapporti tal-Artikolu 17 skont id-Direttiva dwar il-Habitats. Għalhekk, jenħtieġ li l-Unjoni tipprova tiddifferixxi vot tal-Kumitat Permanenti dwar il-proposta Żvizzera sakemm it-tali informazzjoni tkun disponibbli.

(11)

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li trid tiġi adottata fisem l-Unjoni fit-tmienja u tletin laqgħa tal-Kumitat Permanenti tal-Konvenzjoni dwar il-konservazzjoni tal-ħajja ferjali Ewropea u tal-abitati naturali, għandha tkun din li ġejja:

- li tiġi appoġġata l-proposta li l-Wiżża Artika (*Branta leucopsis*) titressaq mill-Appendiċi II "Speċje ta' fawna strettament protetti" għall-Appendiċi III "Speċje ta' fawna protetti" tagħha. Għalissa, l-Unjoni se tapplika miżuri ta' protezzjoni aktar stretti għal din l-ispeċi, kif previst fl-Artikolu 12 tal-Ftehim.
- li jintalab l-appoġġ tal-partijiet kontraenti l-oħra għall-Konvenzjoni biex tiġi differita l-votazzjoni dwar il-proposta li jiċċaqlaq il-Lupu (*Canis lupus*) mill-Appendiċi II "Speċje ta' fawna strettament protetti" għall-Appendiċi III "Speċje ta' fawna protetti" sakemm issir disponibbli informazzjoni aġġornata dwar l-istat ta' konservazzjoni tal-Lupu fl-Unjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*